

- 2) L-EUIPO għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawn esposti minn Excalibur City s.r.o.
- 3) Ferrero SpA għandha tbat l-ispejjeż tagħha

<sup>(1)</sup> ĠU C 398, 30.11.2015

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 15 ta' Settembru 2016 – JT International vs EUIPO – Habanos (PUSH)**  
**(Kawża T-633/15) <sup>(1)</sup>**

*(Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea PUSH — Trade marks tal-Benelux u nazzjonali verbali u figurattivi preċedenti PUNCH — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Identikità tal-prodotti — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)*

(2016/C 402/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: JT International (Ġinevra, l-Iżvizzera) (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, K. E. Gilbert u J. Gilbert, solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Bonne, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Corporación Habanos, SA (Havana, il-Kuba) (rappreżentant: M. Escudero Pérez, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Awwissu 2015 (Każ R 3046/2014-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Corporación Habanos u JT International.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) JT International SA hija kkundannata tbat l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Corporación Habanos, SA.

<sup>(1)</sup> ĠU C 27, 25.1.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2016 – EDF Luminus vs Il-Parlament**  
**(Kawża T-384/15) <sup>(1)</sup>**

*["Klawżola ta' arbitraġġ — Kuntratt ta' provvista tal-elettriku CNT(2009) Nru 137 — Ħlas mill-Parlament tal-kontribuzzjoni reġjonali mħallsa mir-rikorrenti lir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali u kkalkolata abbażi tal-elettriku għad-dispożizzjoni tal-Parlament — Assenza ta' obbligu kuntrattwali — Assenza ta' obbligu li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali applikabbli"]*

(2016/C 402/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: EDF Luminus (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: D. Verhoeven u O. Vanden Berghe, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: L. Darie u P. Biström, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Clotuche-Duvieusart u I. Martínez del Peral, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża li tikkundanna lill-Parlament iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 439 672,95, flimkien mal-interessi, li tikkorrispondi għall-ammont tal-kontribuzzjoni reġjonali mħallsa minnha lir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali u kkalkolata abbażi tal-elettriku għad-dispożizzjoni tal-Parlament.

### Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *It-talbiet ippreżentati mill-Parlament Ewropew għall-finijiet ta' azzjoni dikjatorja huma miċħuda.*
- 3) *EDF Luminus għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Parlament.*
- 4) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 337, 12.10.2015.

---

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Awwissu 2016 – Fontem Holdings 4 vs EUIPO (BLU ECIGS)

(Kawża T-511/15) <sup>(1)</sup>

(“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Irtirar tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni*”)

(2016/C 402/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Fontem Holdings 4 BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: inizjalment A. Poulter, sussegwentement A. Dykes u D. Stone, solicitors)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: H. O'Neill, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tad-29 ta' Ġunju 2015 (Każ R 2697/2014-4), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

### Dispożittiv

- 1) *Ma fadalx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*
- 2) *Fontem Holdings 4 BV hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

<sup>(1)</sup> ĠU C 363, 3.11.2015.